KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 73

It-tlieta u sebgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

**ASSENTI B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Graziella Enriquez | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*73.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*73.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*73.5 Rapporti ;*
*73.6 Attendenza tal-Kunsilliera*
*73.7 Gbir ta' skart kummerċjali f'Tas-Sliema*
*73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitati;*
*73.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*73.10 Mozzjonijiet ;*
*73.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

*Qabel is-seduta s-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsillier M. Briguglio issa jagħmel parti mal-Kunsilliera Nazzjonalisti.*

## 73.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

73.1 Ma kien hemm ebda ittra t'apoloġija.

## 73.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

73.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 72 tas-seduta 21 ta' Awissu, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

73.2.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 72.3.4 u talab li fit-tieni sentenza tizdied 'wara li hu stess għamel kuntatt biex jinstiga l-laqgħa minnufih'.

*Il-Viċi Sindku daħal għas-seduta fis-6.09pm*

73.2.3 Il-Kunsillier D. Muscat talab li ssir korrezzjoni fid-data ta' punt 72.3.11 li trid tinqara 23 ta' Settembru u mhux 21 ta' Settembru.

73.2.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet mitluba. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-minuti 72_21/08/2017*

## 73.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

73.3.1 Is-Sindku informa dwar il-*canopies* fi Gnien Indipendenza, u qal li s-Segretarju Ezekuttiv għamel kuntatt mal-perit u l-Gimgħa se *Canopies*

jkunu qegħdin jiltaqgħu sabiex jiddiskutu il-progress ta' dan it-tender.

*Il-Viċi Sindku hareg mis-seduta fis-16.16pm u daħal lura fis-6.17pm*

73.3.2 Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar li l-Kunsill kellu jikteb l-AKL dwar il-laqgha dwar sigurta specjalment wara dak li gara *Highrise Court*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li aħjar il-Kunsill ma jiktibx għalissa u naraw x'se jintqal fil-laqgħa pubblika li se ssir il-Ħamis 12 t'Ottubru, 2017. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li hemm ħafna attivitajiet li qegħdin isiru bħalissa, u l-aħjar filkaz issir bejn il-laqgħa pubblika u bejn l-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha, jew wara. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li dwar id-DNO għadhom ma tkellmux mas-Segretarju Parlamentari konċernat.

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shar fis-6.20pm*

73.3.3 Dwar punt 72.3.5, is-Sindku informa li l-Kunsill għadu ma ħariġx invit lid-delegazzjoni ta' Bialystok sabiex jattendu fl-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha. Il-Kunsill qiegħed jipprova jagħġel il-proċess kemm jista jkun biex issir *twinning*, izda ghadna qed nistennew il-konferma mill-Ministeru.

*Il-Kunsillier J. Pillow ġie skuzat mis-seduta fis-6.22pm u daħal lura fis-6.23pm*

73.3.4 Dwar punt 72.3.6 is-Segretarju Ezekuttiv qal li għall-laqgħa pubblika tat-12 t'Ottubru 2017 s'issa kkonfermaw mil-*Lands, Building Regulations Office, Assistent Kummisrjaru tal-Pulizija, Awtorita tal-Ippjanar, Occupational Health and Safety Authority*. Sadanittant is-Sindku għandu jagħmel kuntatt mal-LESA kif ukoll ma' Transport Malta biex jikkonfermaw jekk hux se jattendu għal din il-laqgħa. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-aħjar insaqsuhom biex jipprezentaw lilhom infushom f'din il-laqgħa. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistieden lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, min-naħa l-oħra ma kienx hemm qbil li jiġu mistiedna wkoll Membri Parlamentari u *Malta Developers Association*. *Laqgħa għall-pubbliku*

*Il-Kunsillier J. Pillow ġie skuzat mis-seduta fis-6.30*

a Kien hemm qbil li nistiednu lil Keith Demicoli biex imexxi din il-laqgħa. Sar qbil ukoll li ssir fid-Deporres Hall. Il-Kunsilliera L.

Cassar Shaw issuġġeriet li jiġi organizzat trasport għal din il-laqgħa. Kien hemm qbil dwar dan.

b Dwar il-promozzjoni għal din il-laqgħa kien hemm qbil li jitqassam *flyer door to door*, jiġi ppubblikat avviz fis-Sunday Times, *noticeboards* hekk kif ukoll fuq *facebook*.

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow lura għas-seduta fis-6.33*

73.3.5 Dwar is-servizz ta' transport b'van ċirkulari li sar bi prova ta' xahar, il-Kunsill bgħat il-*contracts manager* kif kien deċiz biex jara jekk hux is-servizz qiegħed jintuza. Ġie nnotat li madwar hames jew sitt persuni qegħdin juzaw dan is-servizz fil-ħin ta' filgħodu filwaqt li ħadd ma kien qiegħed juza s-servizz fil-ħin tas-2pm. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill iktar qiegħed ikollu talbiet għas-servizz ta' driver tal-SOS Malta. Is-Sindku propona li din għandha tiġi diskussa għaliha s-sena ghall-budget li jmiss u sadanittant il-Kunsill għandu jitlob għall-aktar kwotazzjonijiet. *Servizz ċirkulari*

*Il-Kunsillier P. Radmilli ġie skuzat fis-6.39*

73.3.6 Dwar l-attivita ta' San Girgor il-Kunsill ġie infuramt li din saret u s-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera M. Briguglio u P. Portelli ikkonfermaw li sar kollox kif kien miftiehem. It-tindif sar ukoll u bħala attivita kienet waħda tajba. *Attivita San Girgor*

*Il-Kunsillier P. Radmilli Daħal lura għas-seduta fis-6.41*

*73.3.7* Dwar Gieħ tas-Sliema l-Kunsillier D. Muscat informa li l-kumitat iltaqa'. Informa wkoll li daħlu 23 nominazzjonjiet u intgħazlu Winston Zammit, Wilfred Pirotta, Maurice Walsh hekk kif ukoll Victor Gauci. Ġie nominat ieħor ukoll Johnny Navarro *post-mortem*. *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

a Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-Kunsill għandu jorganizza wkoll *Young Person Award*/Premju Zagħzugħ Slimiz tas-sena. Kien hemm qbil lil din għandha tiġi organizata s-sena d-dieħla.

*b* Il-Kunsillier D. Muscat informa li l-programm għas-serata Tas-Sliema Wirt u Niesha ġie finalizzat. Se jippartecipaw fost oħrajn Voca Choir, Frank O'Neil u l-Għaqda Poeti Maltin.

73.3.8 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*Clean up* nazzjonali f'Tas-Sliema saret *Clean up*

b'mod tajjeb. Kien hemm madwar 80 jew 90 fil-mija tal-partecipanti li kienu barranin. Ftit kien hemm Maltin illi ippartecipaw. Ġie nnotat li hemm bzonn jitpoġġa bin in-naħa tal-Exiles fejn hemm il-*Bring in sites.* Il-Kunsillier P. Radmilli qal li ġie infurmat li qegħdin jorqdu xi nies fi Gnien Indipendenza. Huwa saqsa jekk il-Kunsill jistax juza is-CCTV hekk kif ukoll jikkuntattja lill-YMCA jew Fondazzjoni Suret il-Bniedem. Kien hemm qbil dwar dan.

*Ħarġu mis-seduta l-Kunsilliera J. Pillow u P. Portelli fis-6.55pm*

73.3.9 Dwar punt 72.4.7 dwar d-*drinking fountains* is-Segretarju informa lill-Kunsill li dawn issa huma kollha miftuha ghall-uzu tal-publiku wara l-ahhar decizjoni tal-Kunsill. Jonqos biss dik ta' Qui Si Sana. Ġie nnotat li Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biddlu l-meter tad-*drinking fountain* ta' Fond Ghadir mingħajr ma avzaw il-Kunsill, l-istess meter li fuqu gie l-kont ta' l'fuq min €10,000. Ġie diskuss il-fatt jekk kienx hemm ħsara fil-*mete*r ga la darba dan tbiddel.

*Daħal lura l-Kunsillier J. Pillow fis-6.57*

73.3.10 Il-Kunsillier J. Pillow qal li ngħidu lill-avukat u għalissa ma nħallsux il-kont. Kien hemm qbil. Il-Kunsill għandu jirreferi għal kontijiet ta' qabel u jikteb bl-avukat, hekk kif ukoll jirreferi ghall-korrispondenza li diga hemm mal-ARMS dwar dan il-kaz, specjalment fejn l-ARMS ikkonfermaw li setgha kien hemm xi hsarat u li huma damu l'fuq min-sentejn biex jigbdu kont *actual*. *Drinking fountain*

*Daħal lura għas-seduta l-Kunsillier P. Portelli fis-7pm*

*Kien hemm qbil li l-Kunsill jippostponi u jiddiskuti minn Punt 73.7*

**73.7 GBIR TA' SKART KUMMERĊJALI F'TAS-SLIEMA**

73.7.1 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill irid jitkellem mas-Sindku tal-Belt. Il-Kunsillier P. Radmilli qal ukoll li qed tiġi diskussa fir-Reġjun biex tgħaddi *bye law* dwar dan.

*Il-Viċi Sindku ħareġ mis-seduta fis-7.06pm*

73.7.2 Is-Sindku qal li biex tinħareġ liċenzja għal *catering establishment* iridu jipprovdu kollettur għall-iskart. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hu interessat li jiltaqa' mas-Sindku tal-Belt. Is-Segretarju Ezeluttiv qal

li l-Kunsill jista ukoll jissugerixxi certu emendi f'rapport lis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis dwar ir-riforma fil-Kunsilli Lokali.

73.7.3 Dan l-item għandu jerġa diskuss fil-laqgħa li jmiss.

*Daħal lura l-Viċi Sindku fis-7.09pm*

*Is-seduta kompliet b'Punt 73.4*

## 73.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

73.4.1 Is-Sindku informa li l-*contracts manager* għamel rapport dwar il-gbir tal-iskart domestiku. F'dan ir-rapport hemm li għadu jsir *piling* u l-iskart qed jibda jinġabar qabel il-ħin stabbilit fil-kuntratt tat-8pm. Il-Ħadd, fis-sajf, kien hemm drabi li nqabzu ukoll xi toroq. Dwar is-servizz tal-gbir ta' skart goff, il-kuntrattur mhux qegħdin izommu mal-ħin hekk kif ukoll, xi drabi, ma jinġabarx tal-lista kollha. Dwar il-knis kien hemm qbil li l-kuntrattur irid jipprovdi r-rottot bil-ħinijiet u t-toroq ezatti. Il-Viċi-Sindku jaqbel li l-Kunsill għandu jintbgħat *warning* u issir laqgħa mal-kuntratturi. Kien hemm qbil dwar dan kollu. Il-Viċi Sindku qal li l-anqas l-uniformi m'huma qegħdin jilbsu kull darba. Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kella titla l-iskeda tal-iskart fuq *facebook*. *Tindif*

73.4.2 Dwar il-ħamiem is-Sindku informa li rċieva telefonata mis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis u talab sabiex nieqfu bil-procedura tal-*culling*. Sadanittant il-Kunsill kiteb lil Onor. Clint Camilleri sabiex naraw hemmx xi zviluppi dwar soluzzjoni oħra għal din il-problema ta' hamiem selvagg, peress li kien wegħdna li nistgħu nagħmlu xi ħaġa fil-vicin. Dan wiegeb li daqt ser ikunu qed ihabbru xi haga. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkompli u qal li avviċinah persuna li jista jagħmel ukoll xi gaggeg għal perjodu ta' sitt ġimgħat b'ammont ta' Ewro 500. *ħamiem*

*Il-Kunsillier J. Pillow ħareġ mis-seduta fis-7.30 u daġal lura fis-7.32pm*

Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li kieku hi tistenna u jitwaqqaf il-proċess għalissa. Madankollu minħabba d-diversi ilmenti mir-residenti, kien hemm qbil li l-Kunsill ikompli bil-*culling*. Il-Kunsill għandu jipprova ukoll is-sistema bil-gaġġeġ.

73.4.3 *Marigold Foundation* talbu lill-Kunsill biex nixgħelu Pjazza Sant'Anna roza għal 'Pink October' . Il-Kunsillier J. Pillow qal li filkaz id-dwalijiet jibqgħu għal dejjem u qal ukoll li tal-funtani imisshom ikun roza għal pink *October*. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li sabiex inlahhqu ta' bilfors irridu nghamlu sistema temporanja ghall-Pink October, u wara nahsbulu ghall-dawl permanenti, peress li dawn ma jkunux *in stock* u trid tistenna li jaslu Malta mbghad tistallhom. *Pink October*

73.4.4 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris infurmat li hemm problema tal-ilma li niezel mil-funtana fi Pjazza Sant' Anna. Il-kunsillier J. Pillow qal li din ma tistax tissewwa għalissa minħabba li sar bi proġett tal-EU u ma jkunx jista jitmiss it-tarmac qabel ammont ta' snin. Pjazza Sant'Anna

73.4.5 Il-Kunsill ġie infurmat li saret laqgħa mas-*Sliema Business Community* u informa li se jagħmlu dwal tal-Milied huma. Is-Segretarju Ezekuttiv tkellem mal-*Works Department* biex iwaħħlulna l-arbli u dawn għandhom jibgħatulna stima ta' xogħol. Il-kwotazzjoni privata li l-Kunsill ġab tiswa Ewro 1760. Il-Kunsill qabel li x-xoghol jigi ordnat bl-irhas kwotazzjoni u li l-arbli jehlu ghall-nofs Ottubru. *Christmas lights*

73.4.6 Dwar is-CCTV fi Qui Si Sana fejn il-*bring is site* ġew prezentati zewġ kwotazzjoniet bhala *variation* ghall-kuntratt prezenti ta' CCTV fil-gnien ta' Qui Si Sana. Camera fissa fuq il-BIS tiswa Ewro 736 u camera 360 degrees li tiswa Ewro 2000. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li titwaħħal tat-360 degrees għaliex iservi għal moniteragg ta' parti mit-toroq u anke tal-istess gnien ukoll. Kien hemm qbil li nixtru l-PTZ camera ta' Ewro 2000. *CCTV Qui Si Sana*

73.4.7 Is-Sindku propona li jsiru bollards qabel l-entraturi għall-*promenade*. Kien hemm qbil li jsiru. *Bollards*

*Ħareġ mis-seduta l-Kunsillier M. Brigulgio fis-7.45 u daħal lura fis-7.47*

73.4.8 Il-Kunsill ġie infurmat mill-*Works Department* li l-funtani ta' Gnien Bonello Du Puis u ta' Johnny Navarro ghandhom issa jghaddu fir-responsabbilta tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel sakemm dawn jinghataw l-ilna fi stat tajjeb.

73.4.9 Is-Segretarju Ezekuttiv talab jekk jistghax iġġeded sittin siegha *vacation leave* għas-sena d-dieħla, għaliex ikun irid jibgħat għall- *Leave*

approvazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'dak il-kaz. Kien hemm qbil unanimu.

73.4.10 Ġie nnotat li qegħdin jitfgħu ħafna imbarazz f'Muscat Lane u r-residenti qegħdin jitolbu li titpoġġa grada. Kien hemm qbil li ssir basta ma tkunx tissakar. *Muscat Lane*

73.4.11 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-laqgħa *European Parliament Infopoint 2017* li se ssir fi Brussels f'Novembru 2017 u saqsa jekk hux intitolat għal rifuzjonii tal-ispejjes tal-*flight* għax il-laqgħa hija b'xejn. Kien hemm qbil li jitħallas il-*flight* mil-Kunsill. *EuroPCom 2017*

*Dan il-item jitkompla jiġi diskuss aktar tard.*

**73.5 RAPPORTI**

73.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**73.6 ATTENDENZA TAL-KUNSILLIERA**

73.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv reġa ressaq il-punt tan-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsilliera L. Cassar Shaw għaliex meta kien kiteb l-ittra lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dawn talbu ukoll l-approvazzjoni tal-Kunsill li l-Kunsilliera L. Cassar Shaw ma' titneħħiex minn Kunsilliera għaliex ir-raġunijiet dejjem kienu ġustifikati u approvati mil-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

**73.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

73.8.1 Dwar il-proġett tal-EU dwar korsijiet għall-ġenituri tat-tfal min *third country nationals*, il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsill kellu joħroġ sejħa oħra għal *educational service provider* minħabba li għall-ewwel sejħa kienu saru *interviews* taz-zewġ applikanti li kienu applikaw, u mill-FPD preferew li l-ghazla ssir biss a bazi ta' *cheapest compliant offer* u b'hekk ma jsiru l-ebda *interviews*. *EU Project TCN parents*

Din id-darba kellna diversi applikazzjonijiet u kien hemm qbil li jintgħazel l-irħas. L-offerta hi ta' Ewro 1450 (VAT eskluz). Sadanittant il-Kunsill ħareġ sejħa oħra għal *Accountancy Services* u għal *Design and Communication Services* għal dan l-istess proġett. Kien hemm qbil li jintgħazlu l-irħas offerti ukoll. L-irħas offerta ta' *accountancy services* hija ta' Ewro 1525 VAT eskluz u

tad-*Design and Communication* hija ta' Ewro 1435 VAT eskluz.

**73.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

73.9.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 11 dwar *bridge handrails* u affarijiet oħra u qal li l-kont ġie wieħed għoli. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li dan ix-xogħol kien diġa approvat fl-aħħar seduta permezz ta' kwotazzjoni u li l-ammont ta' din l-invoice huwa l-istess.

73.9.2 Il-Viċi Sindku saqsa dwar pagament numru 38 lid-Datatrak. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega dwar dan il-pagament.

73.9.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 42 u saqsa fejn ġie imwaħħal il-*gate*. Il-Segretarju wiegeb li fi Gnien Indipendenza.

*Is-Sindku ħareġ mis-seduta fit-8.28 u ħareġ fit-8.30*

73.9.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għall-approvazzjoni ta' kontijiet ta' xogħlijiet tat-toroq li saru minn Karljos Ltd li jammontaw għal Ewro 3258. Kien hemm qbil li jitħallsu ga la darba dawn huma diga approvati mill-Perit tal-Kunsill.

73.9.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina ġibdet l-attenzjoni li għadu dieħel l-ilma tax-xita għand in-nies fi Triq Sant'Elena. Il-Kunsill qabel li jekk il-Perit jgħidilna li jrid issir xi xogħol min-naha taghna f'wicc it-triq dan ix-xogħol jitwettaq.

73.9.6 Il-Viċi Sindku saqsa dwar il-manutenzjoni ta' Triq Guze Howard. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan ix-xogħol isir la darba TM japprovaw il-pjanti taghna, li mbghad iridu jigu sottomessi ghall-approvazzjoni finali u eventwalment ghall-kuntratt ta' finanzjament mal-Awtorita tal-Ippjanar. Il-Kunsill għandu jinforma lir-residenti biex nispjegaw x'se jsir. Dan ix-xogħol x'aktarx jibda f'Jannar 2018.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 8.43pm*

73.9.7 Il-Kunsill irrefera għat-*traffic arrangements* li hemm bzonn isiru fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti ċans sa

laqgħa oħra biex jara din tiġix approvata mit-TM jekk filkaz issir min-naħa tal-Kunsill.

73.9.8 Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li saru pjanti ta' re-allignment ta' bankini fi Triq il-Kbira mill-Perit. Il-Kunsill qabel li dawn il-bankini, hekk kif ukoll wick it-triq jinbnew mil-gdid mill-Kunsill permezz ta' finanzjament mill-fond tas-CPPS.

73.9.9 Il-Kunsill qabel ukoll li sa laqgħa oħra jiġu bi proposti ta' toroq oħra li jistghu isiru bil-fond tas-CPPS.

73.9.10 Il-Kunsillier J. Pillow irrfera għall-pagament numru 80. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li dan kien approvat bi stima fl-aħħar seduta tal-Kunsill.

73.9.11 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa biex jitressaq l-arblu iktar 'l barra taz-*zebra crossing* fejn Sliema Hotel. Il-Kunsill qabel.

73.9.12 Dwar il-post vakanti għal skrivan/a *part-time* kien hemm qbil li l-bord tal-ghazla ikun magħmul mis-Sindku, Vici-Sindku u l-Kunsilliera M. Brigulgio u M. Aquilina.

73.9.13 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti kollha minbarra numru 83 tal-ARMS kif ġie diskuss f'punt 73.3.10. Il-Kunsillier M. Briguglio propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil mill-Kunsill. ***Approvazzjoni tal-pagamenti***

***KIEN HEMM QBIL JITKOMPLA ITEM 73.4***

**73.4 TWEGIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

73.4.12 Il-Kunsillier P. Portelli saqsa jekk il-laqgħa tal-Kunsill tistghax tiġi *streamed* fuq *facebook*. Il-Kunsill qabel. ***Laqgħa streamed***

73.4.13 Il-Kunsillier P. Portelli saqsa x'inhi l-proċedura ta' meta xi ħadd ikollu bzonn japplika għal *double yellow line* faċċata ta' garaxx. Is-Sindku wieġeb. ***Double yellow line***

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera M. Brigulio ġew skuzati li jitilqu mis-seduta fid-9.05pm*

73.4.14 Kien hemm qbil li jsiru *bollards* fi Triq il-Kulleġġ l-Antik tnejn f' kantuniera ma' *Corks Bar* u tnejn oħra ma' Triq Patri Marjanu Vella. ***Bollards***

73.4.15 Il-Kunsillier D. Muscat talab li titwaħħal tabella 'No Heavy Vehicles' fi Triq Carmel ma' Triq Santa Marija. Kien hemm qbil dwar dan. ***Tabella***

73.4.16 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris saqsiet dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Ghar il-Lembi minħabba li tneħħa l-parkeġġ. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv spjegaw li dan sar minħabba x-xogħol li qiegħed issir fil-Piazzetta u li l-parking gie sostitwit fi Triq it-Torri. ***Ghar il Lembi***

73.4.17 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar ir-*reserved parkings*. Is-Sindku spjega li hemm min waħħal tabella bin-numru tal-vettura tagħhom. Dawn għandhom jitneħħew. ***Reserved parkings***

**73.10 MOZZJONIJIET**

73.10.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**73.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

73.11.1 Is-seduta intemmet fit-21.35. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Ottubru 2017 fis-6pm.

Minuti approvati llum 18 t'Ottubru 2017

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Kris Busietta** | **Matthew Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |